MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 266/2006

**Avviz Numru 266/2006VGD**

Paul Farrugia (Id. 107467M) u John Farrugia (Id. 499868M) ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta Farrugia Lighting & Interiors.

Vs

Adriana Camilleri.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu l-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' disa mija u hamsin lira Maltin (Lm950) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuta. Bl-ispejjes, inkluzi dawk (i) tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 657/2006, (ii) l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment u mibghuta lis-sekwestratarji msemmija fl-istess mandat; u bl-imghax

kummercjali mis-17 ta' Dicembru 2005, li hija d-data tal-konsenja, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispejjes, stante li l-oggetti mibjughin ma kienux tal-kwalita' patwita.

Ra l-affidavit ta' Joseph Farrugia prodott mill-atturi.

Ra l-affidavit ta' Alexia Farrugia prodotta mill-atturi.

Ra l-affidavit ta' Karen Attard Baldacchino prodotta mill-atturi.

Ra l-affidavit ta' Rene Mifsud prodott mill-atturi.

Sema x-xhieda ta' Dr. Karen Attard Baldacchino.

Sema x-xhieda ta' Joseph Farrugia.

Sema x-xhieda ta' Alexia Farrugia.

Sema x-xhieda tal-konvenuta Adriana Camilleri.

Sema x-xhieda ta' Michael Camilleri prodott mill-konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Malcolm Camilleri prodott mill-konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi jirrizulta bhala fatt illi l-konvenuta kienet xtrat sufan minghand l-atturi, bil-prezz miftiehem ta' disa mija u hamsin lira Maltin (Lm950). Minn dan il-prezz il-konvenuta ma hallset xejn u ghalhekk l-ammont kollu ghadu dovut sal-gurnata ta' llum.

Skond ix-xhieda kollha prodotti mill-atturi, l-konvenuta kienet rat is-sufan fix-showroom, u peress illi kien ghogobha kienet xtratu. Peress li l-konvenuta ma kellhiex flus fuqha dakinhar sabiex thallas depozitu, inghatat l-opportunita' li thallas l-ammont kollu meta s-sufan jigi konsenjat lilha. Xi ftit granet wara saret il-konsenja tas-sufan fid-dar fejn tghix il-konvenuta u din il-konsenja kienet giet accettata minn xi membri tal-familja tal-konvenuta li kienu prezenti. Gara pero illi anki dakinhar tal-konsenja l-konvenuta ma hallset xejn, u ghalhekk kien gie koncess lilha li tmur thallas fix-'showroom' malli jkollha c-cans.

Mix-xhieda kemm ta' Alexia Farrugia kif ukoll ta' Karen Attard Baldacchino, jirrizulta li wara li saret il-konsenja in kwistjoni, huma bdew icemplu l-konvenuta frekwentement sabiex thallas l-ammont dovut, u ppruvaw jakkomodawha b'kull mezz li setghu sabiex din tkun tista' tmur thallas. Jidher pero illi l-konvenuta sabet kull skuza possibbli li setghet issib sabiex tipposponi u sahansitra tevita li tmur thallas l-ammont dovut minnha. F'dan il-perjodu kollu pero, l-konvenuta qatt ma ilmentat fuq is-sufan u anzi kienet tghid kemm kienet kuntenta bih.

Illi t-Tribunal huwa ta' l-oppinjoni li l-atturi wrew pacenzja oltre minn dak li kien rikjest minnhom, fis-sens illi mhux biss accettaw li ma jsir l-ebda hlas ta' depozitu meta l-konvenuta ordnat is-sufan, izda sahansitra accettaw ukoll li mal-konsenja din ma thallas xejn u tmur thallas ix-showroom meta jkun komdu ghaliha. Ta' dan kollu ma hadu l-ebda grazzi izda minnflok il-konvenuta tqarqet bihom u baqghet baqghet sakemm ma hallsitx.

Illi l-konvenuta minn-naha taghha taccetta li kienet marret ix-'showroom' tal-atturi u kienet ghazlet sufan li kien ghogobha. Kien sar ftehim fuq il-prezz u sussegwentement dan is-sufan kien gie kkonsenjat lilha. Hija ssostni pero illi qatt ma kienet accettat li thallas il-prezz kollu f'daqqa izda riedet thallsu bin-nifs. Skond hi, ftit wara li wasal ghandha s-sufan il-kulur tieghu beda jitqaxxar. Il-konvenuta ghalhekk kienet talbet illi jigi xi hadd mill-impjegati tal-atturi sabiex jaraw is-sufan u l-

problema li kellu izda ma kien gie hadd. Skond il-konvenuta din il-probema sehhet mill-ewwel u hija mill-ewwel bdiet tilmenta dwar dan ma Alexia Farrugia.

Waqt il-kontro ezami li sarilha, l-konvenuta kkonfermat illi (i) s-sufan kien wasal ghandha fi stat tajjeb u minghajr problemi; (ii) illi hija ma ghamlet l-ebda hlas akkont tal-prezz dovut; (iii) illi l-atturi damu jitolbu l-hlas minghandha ghal madwar xahrejn minn mindu xtrat is-sufan; u (iv) illi s-sufan ghadu ghandha sal-gurnata ta' llum.

Illi x-xhud Malcolm Camilleri, prodott mill-konvenuta, xehed li huwa espert fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-gilda, u kien gie mitlub mill-konvenuta sabiex jezamina s-sufan in kwistjoni li kien tal-gilda. Huwa spjega illi kien sab tebgha fuq in-naha tax-xellug tal-parti ta' wara tas-sufan, u cioe fejn wiehed jistrieh b'daru. Din it-tebgha giet deskritta minnu bhala kulur li beda jiccara. Ix-xhud spjega li dan seta' gara kemm minhabba li wiehed juza il-gel f'xaghru, jew inkella minhabba fl-gharaq, jew anki minhabba li dik il-parti tal-gilda tkun ta' kwalita' inferjuri.

Illi tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu illi fl-ewwel lok, sar bejgh, liema bejgh kien wiehed validu skond il-ligi u ghalhekk il-prezz tal-bejgh tal-oggett li kien gie miftiehem huwa dovut u ghandu jithallas. Huwa car illi l-konvenuta mill-ewwel donnha kellha xi intenzjoni li tipprova tevita thallas ghaliex sabet skuza wahda wara l-ohra sabiex ma thallasx. Illi se mai, jekk verament kien hemm difett fis-sufan mixtri, kif gie allegat mill-konvenuta, kien jinkombi fuqha li tiddepozita l-istess fil-Qorti sabiex tezimi ruhha minn kull responsabbilta' u anki possibbilment mill-hlas, u mbaghad se mai tiehu l-passi necessarji kontra l-atturi sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha. Izda mhux talli l-konvenuta ma ghamlet xejn minn dan kollu, imma minnflok zammet is-sufan ghandha, baqghet taghmel uzu minnu, u fl-istess hin ippretendiet li ma thallasx ghall-istess.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, mitejn u tnax il-Ewro u disghin centezmu

(€2212.90), ekwivalenti ghal disa mija u hamsin lira Maltin (Lm950), oltre l-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------